MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Numru. 734/2008

Il-Pulizija
(Sp Anthony Cassar)
vs
Christopher Mifsud, iben Paul, imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Marzu, 1988, Karta ta’ l-Identita numru 143188(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fi Triq il-Kbira, u f’inħawi oħra f’Ħaż-Żabbar, fis-17 ta’ Ġunju, 2007 għal ħabta tat-3.30 a.m. –
Volontarjament ħassar, għamel ħsara u għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq il-vettura tal-għamla Volkswagen Polo, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAQ 785, għad-dannu tas-sid tagħha Phylliseanne Farrugia mill-Belt, Valletta liema ammont ta’ ħsar ma jiskorriex il-ħames mitt lira maltin (Lm500) imam hu iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ħsara li saret mill-imputat hi ta' €420.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €420 danni lil Phylliseanne Farrugia fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------